# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 30 ta' Marzu 2001.**

**Numru 15**

**Citaz. numru 482/92 GCD**

**Stefan Xuereb**

**vs**

**Maria Concetta Debono mart Anthony, u l-istess Anthony Debono bhala kap tal-kumunjoni ta' l-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu**

**Il-Qorti;**

**L-ATT TAC-CITAZZJONI**

L-attur ipproceda kontra l-konvenuti b'dan l-att ta' citazzjoni :-

"Peress illi fl-20 ta' April 1991, f'Mosta Road, Lija, l-konvenuta waqt li kienet qeghdha ssuq il-vettura Fiat Panda E 9308 bi traskuragni, negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku habtet gol-vettura Triumph Spitfire S 1112 proprjeta' ta' l-attur u li kienet misjuqa mill-istess attur, u b'hekk il-konvenut

ikkawzat dannu ta' natura konsiderevoli fil-karozza proprjeta' ta' l-attur.

Peress illi l-konvenuti ghalkemm interpellati biex jaghmlu tajjeb ghal dawn id-danni xorta baqghu inadempjenti.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :-

1. tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur fl-incident awtomobilistiku li gara fl-20 ta' April 1991 f'Mosta Road, Lija, bejn il-vetturi Fiat Panda E 9308 misjuqa mill-konvenuta u Triumph Spitfire S 1112 misjuqa mill-attur u dana minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parte tal-konvenuta ;

2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur bhala konsegwenza ta' l-imsemmi incident awtomobilistiku, jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi ;

3. tikkundanna lill-istess konvenuti jhallsu lill-attur id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tas-27 ta' Gunju 1991, u bl-interessi legali u b'is-subizzjoni tal-konvenuti."

**<u>ECCEZZJONIJIET</u>**

Il-konvenuta Maria Concetta Debono eccepiet ghat-talbiet attrici illi l-ewwel talba kellha tigi michuda ghax ghall-incident de quo kien jahti l-attur. Illi jsegwi illi riferibilment ghat-tieni talba ma kienx hemm danni tal-attur biex jigu likwidati fil-konfront taghha. Illi konsegwentement fir-rigward tat-tielet talba ma kien hemm l-ebda ammont ta' danni li hi kellha tigi kundannata thallas lill-attur.

Il-konvenut Anthony Debono citat bhala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti u bhala amministratur tal-beni parafernali ta' martu eccepixxa illi hu

kellu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju billi, f'danni kolpuzi allegatament kommessi minn martu, l-attur kellu skond il-ligi jkun estranju ghalihom. Dan anke kif deciz minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-24 ta' Marzu 1992.

**DECIDE**

B'sentenza tas-27 ta' Novembru 1998, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza billi wara li helset lill-konvenut Anthony Debono mill-harsien tal-gudizzju, laqghet it-talbiet tal-attur sa fejn maghmula kontra l-konvenuta Maria Concetta Debono. Iddikjarat li l-konvenuta kienet tahti ghall-habta u kellha twiegeb ghad-danni li kienu likwidati fis-somma ta' Lm1,342.99 ; ghalhekk ikkundannat lill-istess konvenuta thallas lill-attur din is-somma bl-imghax skond it-talba. L-ispejjez tal-konvenut Anthony Debono kellu jhallashom l-attur, l-ispejjez l-ohrajn kollha kellha thallashom il-konvenuta.

**MOTIVAZZJONI TAS-SENTENZA APPELLATA**

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha :-

> "Il-habta grat hekk : L-attur xehed li kien ghaddej bil-karozza S 1112 mit-triq mill-Mosta taghti ghal Hal Ilja ; hu kien sejjer lejn Hal Lija u kien wasal fejn kien hemm roundabout quddiem it-telgha li taghti ghan-Naxxar[1]. Qabel ma qabad ir-roundabout hares lejn

[1] Illum it-topografija tat-triq inbidlet

ix-xellug tieghu biex jara kienux nezlin karozzi min-Naxxar u deherlu li ra biss karozza wahda wieqfa mal-gemb, tistenna biex tidhol fit-triq lejn Hal Lija ; din ma kienitx il-karozza tal-konvenuta, li wara habat maghha. Meta ra li ma kienux gejjin karozzi mix-xellug tieghu, l-attur baqa' jhares 'il quddiem u beda biex iddur mar-roundabout. Dak il-hin saret il-habta : il-parti ta' quddiem tal-karozza ta' l-attur habtet mal-gemb tax-xellug tal-karozza tal-konvenuta, u bid-daqqa ghollietha, b'mod li l-parti tal-lemin tal-karozza rikbet fuq il-parti ta' quddiem tal-karozza ta' l-attur, u baqghet tmiss ma' l-art bir-roti tax-xellug biss. Dawn ir-roti hallew sinjal ta' tkaxkir ma' l-art ghax wara l-habta l-karozzi baqghu jitkaxkru ghal xi tul.

Meta xehed quddiem il-perit legali fit-18 ta' Jannar 1993, l-attur xehed hekk :-

> Lill-konvenuta rajtha biss mal-habta ghax, kif spjegajt, fil-hin kont qieghed inhares 'il quddiem u mhux lejn ix-xellug tieghi. … … … Kont inhsadt bil-habta ghax ma kontx qiegehd nistenniha billi lill-konvenuta ma rajthiex qabel il-habta.

Dan ma jaqbilx ghal kollox ma' dak li qal lill-ufficjal tal-Pulizija minnufih wara l-habta. Jidher li lis-Surgent tal-Pulizija qallu illi qabel ma habat lahaq zamm brake. Ir-rapport ta' l-okkorenza mhejji mis-Surgent jghid hekk :-

> On being spoken to Xuereb stated that it (sic) was driving along Mosta Road from the direction of Mosta towards Lija when on reaching corner with Labour Avenue car number E 9308 emerged from said road ; he applied the brakes but to no avail and collided.

Il-konvenuta xehdet biss li, ghalkemm waqfet qabel ma qabdet ir-roundabout wara li nizlet minn Naxxar, lill-attur ma ratux gej minn fuq il-lemin taghha, saret taf bih biss meta hasset id-daqqa.

Mela l-habta grat ghax zewg karozzi kienu sejrin jidhlu f'roundabout u, jew ghax is-sewwieqa ma rawx lil xulxin jew ghax wiehed ra lill-ohra tard wisq, ebda wahda ma cediet lill-ohra u ghalhekk habta ma' xulxi. F'dawn ic-cirkostanzi, jkollha precedenza l-karozza li tkun gejja mil-lemin, ladarba din, relattivament ghall-vettura l-ohra, taqbad ir-roundabout qabel, b'mod li biex il-karozza tax-xellug tidhol hi wkoll fir-roundabout trid bilfors taqsam it-trajettorja tal-vettura fuq il-lemin taghha.

Ghalhekk, kien l-attur li, fic-cirkostanzi tal-kaz tal-lum, kellu l-precedenza, u kienet il-konvenuta li qasmet quddiemu.

L-ewwel talba ta' l-attur, ghalhekk, sejra tintlaqa' ghax il-htija hija tal-konvenuta. Dwar id-danni fil-karozza ta' l-attur, xehed l-espert tekniku u qal li l-ispejjez huma dawn :-

- Labour Lm 250.00
- Paint Lm 130.00
- Mechanical Lm 50.00
- Electrical Lm 25.00

B'kollox **Lm 455.00**

Barra dawn l-erba' mija u hamsin lira (Lm 455) hekk ukoll l-ispejjez ta' l-ispare parts li, billi l-karozza ta' l-attur hija mudell antik u ma ghandhiex in production, ma jinstabux facilment u jehtieg li jkunu importati apposta minn barra. Dwar dan rega' xehed l-espert tekniku fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 1996 u qal li jkunu jiswew, bejn wiehed u iehor, disa' mija u tmienja u tletin lira sterlina (GBP938). Spejjez biex dawn jingiebu Malta jammontaw ghal mija u tmienja u erbghin lura sterlina (GBP148) ohra u sebgha u tletin lira ta' Malta u hamsin centezmu (Lm37.50), skond stima mahruga minn Thos. C. Smith and Co. Ltd[2]. Mela l-ispejjez b'kollox jigu erba' mija u tnejn u disghin lira ta' Malta u hamsin centezmu (Lm492.50), u elf u sitta u tmenin lira sterlina (GBP1,086). Ma' l-ispejjez denominati f'liri sterlini trid ukoll izzid id-dazju bit-tmienja punt decimali wiehed fil-mija (8.1%) u VAT jew CET bil-hmistax fil-mija (15%). Mela d-danni b'kollox jigu elf tlett mija u tnejn u erbghin lira u disgha u disghin centemzu (Lm1,342.99), kif imfisser hawn taht :

| | GBP | Lm | Lm |
|---|---|---|---|
| Spare parts u trasport | 1,086.00 | 684.14 | |
| Dazju (8.1%) | | 55.42 | |
| | | **739.55** | |
| CET/VAT | | 110.93 | |
| | | | 850.49 |
| Spejjez ohra | | | 492.50 |
| B'kollox : | | | **1,342.99** |

Nghaddu issa biex inqisu l-eccezzjoni tal-konvenut l-iehor Anthony Debono li tghid li hu ma jwegibx ghal "danni kolpuzi" maghmula minn martu. Din l-eccezzjoni rridu nqisuha fid-dawl tal-ligi kif kienet taqbel ma saru l-emendi fil-Kodici Civili bl-Att XXI ta' l-1993.

[2] Fol. 74

Dwar meta d-djun maghmula mill-mara jmorru fuq il-komunjoni ta' l-akkwisti, l-art. 1325 (1) tal-Kodici Civili, kif kien fiz-zmien ta' l-incident, kien jghid hekk :-

> **1325**. (1) Kull dejn li jsir mill-mara matul iz-zwieg dwar l-amministrazzjoni ta' l-akkwisti jew ta' proprjeta' li l-frott taghha jaqa' fl-akkwisti u kull dejn li jsir mill-mara ghall-htigijiet tal-familja jew biex tipprovdi manteniment skond il-ligi, jkun dejn tal-komunjoni.

Ma ngibitx xiehda biex turi jekk il-karozza misjuqa mill-konvenuta kienitx tal-komunjoni jew le, u ghalhekk ghandha titqies li kienet tal-komunjoni, kif jghid l-art. 1321 (1) tal-Kodici Civili :

> **1321** (1) Il-beni kollha li l-mizzewgin ikollhom jew parti minnhom ikollha, jitqiesu li jaghmlu parti mill-akkwisti sakemm ma jkunx ippruvat xort'ohra.

Meta l-konvenuta kienet qeghda ssuq il-karozza ghandha titqies li kienet qeghda taghmel "amministrazzjoni ta' l-akkwisti", b'mod li d-dejn li tghabbiet bih waqt is-sewqan jitqies dejn tal-komunjoni?

Din il-Qorti, f'sentenza in parte moghtija fis-7 ta' Lulju 1988 in re **Vincent Debrincat et versus Mary Rose Vella et** kienet qalet li danni kawzati ex delicto vel quasi mill-mara ma humiex djun tal-komunjoni ta' l-akkwisti : "Ghad-delitti jew kwazi-delitti allegatament kommessi mill-konvenuta ma ghandhiex tirrispondi l-komunjoni ta' l-akkwisti." Din il-Qorti, kif illum presjeduta, taqbel ma' din il-konkluzjoni. Il-ligi torbot lill-komunjoni b'"Kull dejn li jsir mill-mara matul iz-zwieg dwar l-amministrazzjoni ta' l-akkwisti". Att illecitu, bhal dik li johliq danni ex delicto vel quasi, ma hux att ta' amministrazzjoni.

L-eccezzjoni tal-konvenut hija ghalhekk milqugha, u l-Qorti tehilsu mill-harsien tal-gudizzju, bl-ispejjez relativi kontra l-attur."

## <u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>

Minn din is-sentenza appellat biss il-konvenuta Maria Concetta Debono. L-attur m'appellax minn dik il-parti tas-sentenza illi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju lill-konvenut l-iehor Anthony Debono. Dik

il-parti tas-sentenza allura ghaddiet in gudikat u din il-Qorti ma kienx jinhtiegilha illi tittratta dwar il-konsiderazzjonijiet fis-sentenza appellata li jolqtu lill-konvenut.

Il-Qorti ezaminat ukoll ir-rikors tal-appell tal-konvenuta u kkonstata illi dan u effettivament limitat biss ghall-kwistjoni ta' responsabbilita' ghall-incident in kwantu l-konvenuta appellanti tissottometti li dan kien gara unikament htija ta' negligenza u traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-attur. Ma jirrizulta l-ebda ilment fl-aggravju fir-rigward tal-quantum tad-danni u tal-likwidazzjoni taghhom u anke hawn allura l-konsiderazzjonijiet fis-sentenza appellanta ma kienx hemm ghalfejn jigu skrutinati minn din il-Qorti. Dan kollu jillimita l-kompitu ta' din il-Qorti ghall-indagini fir-rigward tar-responsabbilita' tal-incident fid-dawl tal-aggravju sottomess mill-konvenuta appellanti.

Aggravju li jidher li hu aktar immirat biex jiskredita l-verzjoni tal-attur b'ezami ta' verzjonijiet allegatament kontrastwali minnu moghtija kemm mas-Surgent li kien qed jinvestiga l-incident a tempo vergine, meta xehed quddiem il-Perit Legali u kif ukoll meta xehed in subizzjoni. Fil-verita' pero', apparti indikazzjoni illi l-verzjonijiet moghtija ma kienux irrikonciljabbli, d-determinazzjoni tar-responsabbilita' f'dan il-kaz zgur ma kienitx tiddependi fuq il-kredibbilita' li l-Qorti taghti lis-sewwieqa nvoluti fl-incident. Din il-Qorti hi tal-fehma illi kienu ferm aktar importanti l-indikaturi ta' fatt li kienu johrogu mit-topografija ta' fejn sehh

l-incident li kienet indubjament tiddetermina r-regoli li kellhom jiggwidaw il-kondotta fis-sewqan tal-attur u l-konvenuta kif ukoll ir-res gestae kif jirrizultaw oggettivament u cioe' dawk l-elementi accertati mill-provi li jikkompletaw il-kwadru tad-dinamika tas-sinistru. Fost dawn l-elementi ta' prova certa li fuqhom il-Qorti setghet tistrieh kien hemm l-iskizz preparat mis-Surgent li nvestiga l-kaz u li hu elokwenti daqs kemm hu korrett u certi ammissjonijiet li ghamlu s-sewwieqa nfushom dwar kif huma stess kienu qeghdin isuqu specjalment meta dwarhom ma jkun hemm l-ebda kuntrast mill-kontro-parti.

Minn ezami tal-atti processwali, din il-Qorti ma tistax ma taqbilx mal-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti. Hi wkoll waslet ghall-konvinciment illi l-kawza prossima u mmedjata tas-sinistru kienet is-sewqan negligenti u traskurat tal-konvenuta li kjarament kienet neqset mill-obbligu elementari li kellha li zzom "a proper look out", qabel, fil-mument u waqt li kienet qed taghmel manuvra, li fil-fehma ta' din il-Qorti, ma setghatx ma titqiesx wahda ta' certa perikolozita'. Infatti l-konvenuta kienet intenzjonata li wara li tinzel Labour Avenue, Naxxar, iddur mar-roundabout li hemm, tikser lejn il-lemin taghha, biex tmur fid-direzzjoni tal-Mosta. Biex taghmel din il-manuvra l-konvenuta kellha bilfors tirfes fuq it-triq li mill-Mosta taghti ghal Hal-Lija, taqsamha prattikament orizzontalment b'mod illi tghaddi tul il-wisa' ta' dik il-parti tal-karreggjata direttament quddiem it-traffiku li mill-Mosta jkun sejjer lejn Hal-Lija. Dana biex taqbad ir-roundabout u mbaghad, waqt li tibqa'

ddur mar-roundabout tidhol fil-lane li taghti ghad-direzzjoni opposta lejn il-Mosta. Anke jekk minn dak iz-zmien li sehh l-incident sal-lum, it-topografija tal-lokalita' inbidlet xi ftit, essenzjalment baqghu l-istess l-elementi krucjali u cioe' l-ezistenza tar-roundabout, il-fatt indiskuss illi t-triq li taghti mill-Mosta ghal Hal-Lija kellha titqies li kienet arterja tat-traffiku principali li kellha precedenza fuq Labour Avenue. Dan il-fatt hu rikonoxxut mill-istess konvenuta illi espressament tiddikjara li meta waslet fit-tarf ta' Labour Avenue hija "waqfet fit-tarf tat-triq". Dan ovvjament biex tesplaraha u tassigura ruhha illi kienet libera b'mod li kienet tippermettilha li tista' tibda, tkompli u ttemm il-manuvra li xtaqet taghmel bla ma tikkreja perikolu ghaliha nnifisha u ghal vetturi ohra.

Illum il-lokalita' hija mmarkata b'mod illi sinjali jimponu fuq it-traffiku gej mid-direzzjoni li kienet niezla l-konvenuta u jieqfu zopptu qabel jirfsu t-triq li mill-Mosta taghti ghal Hal-Lija. Pero', anke jekk dawn is-sinjali allura ma kienux jezistu, l-lokalita' kienet wehidha timponi din il-kawtela fuq kull min ikun niezel minn Labour Avenue. Mill-banda l-ohra, min bhall-attur ikun qed isuq mill-Mosta lejn id-direzzjoni ta' Hal-Lija jkun certament konxju illi qieghed isuq fuq arterja principali, fejn l-ispeed b'regolarment rikonsentit certament ma kienx dak li r-regolamenti jimponu ghall-abitat, fejn allura kien jistenna li min ikun niezel mit-toroq laterali ma kienx ser jirfes fuq triqtu u wisq anqas jimpedilu u jostakolalu kompletament il-passagg kif ghamlet il-konvenuta. Kien jistenna jigifieri illi min ikun niezel minn Labour Avenue jaghtih il-precedenza. Hu veru

illi l-attur kien riesaq lejn roundabout u allura kellu wkoll l-obbligu li juza prudenza u jaghti attenzjoni ghal dan il-fatt biex jekk ikun il-kaz jaghti precedenza lil min ikun lahaq ir-roundabout qablu. Dan pero' ma jfissirx ili kellu wkoll jistenna li min ikun niezel minn Labour Avenue jaqbad u johrog quddiemu biex jittanta jilhaq ir-roundabout qablu.

Dan apparti l-fatt illi, filwaqt li kif sewwa qalet l-ewwel Qorti, f'kull kaz l-attur kien lahaq ir-roundabout qabel il-konvenuta u allura anke f'dan hi kienet obbligata ttih il-precedenza, dan ma kienx kaz fejn iz-zewg vettura kienu qeghdin jinnavigaw ir-roundabout fl-istess direzzjoni. Dan kien kaz fejn l-attur kien sejjer isuq prezenti r-roundabout biex jibqa' sejjer ghad-dritt u mhux biex idur maghha. Anke f'dan, l-obbligu tal-konvenuta kien li taccerta ruhha mill-intenzjonijiet tal-attur li kif inghad kien qieghed isuq f'arterja principali li kienet minnha nfisha takkordalu l-precedenza. Zgur li l-konvenuta ex admissis ma setghatx tapprezza x'kienu l-intenzjonijiet ta' l-attur ghaliex din b'mod strett tiddikjara illi ghalkemm harset fid-direzzjoni mnejn kien gej l-attur, hi ma ratux u kien ghalhekk illi qasmet biex tittanta tilhaq ir-roundabout. Ammissjoni din li kif sewwa ravvizat mill-ewwel Qorti wehidha kienet bizzejjed biex taddebita r-responsabbilita' shiha ghall-akkadut lill-konvenuta. Dan ghaliex il-vizwali taghha kienet diskreta, ghaliex certament kieku harset u harset sewwa hi ma setghatx ma tarax lill-attur gej minn fuq il-lemin taghha. Il-fatt li ma ratux ifisser li jew ma harset xejn jew jekk harset, ma harsitx kif kellha thares. Mill-banda l-ohra l-fatt illi tixhed li harset

fid-direzzjoni mnejn kien gej l-attur hi ammissjoni ohra jekk kien hemm bzonn, li hi kienet konsapevoli tal-obbligu li taccerta ruhha qabel tittraversa l-karreggjata biex tilhaq ir-roundabout li taccerta ruhha illi l-ebda traffiku ma kien gew minn dik id-direzzjoni.

Id-daqqiet imbaghad fuq iz-zewg vetturi involuti jillustraw b'mod l-aktar lampanti d-dinamika tas-sinistru.  Dik cioe' illi l-vettura tal-attura laqtet bil-quddiem kollu taghha lill-gemb lemini tal-vettura misjuqa mill-konvenuta u dan frontalemnt li jfisser li l-habta grat proprju fil-mument illi l-konvenuta kienet bdiet titraversa l-karreggjata horizontalment. Kienet ghadha qeghda tostakola l-passagg tat-traffiku gej mid-direzzjoni tal-Mosta u kienet ghadha ma lahqitx ir-roundabout biex tibda ddur maghha.  Li "spot of impact" indikat mis-Surgent fuq l-iskizz minnu preparat hu konferma proprju ta' din il-kostatazzjoni.  Mill-banda l-ohra l-appellanti tittanta takkolla r-responsabbilita' ghas-sinistru fuq l-attur ghaliex hu kien, skond hi, qed isuq b'mod "sgarbat".  Dan ghaliex skond hi l-provi juru illi kien hemm da parti tal-attur :-

(a) nuqqas ta' "proper look out" ; u

(b) speed qawwi.

Fir-rigward tal-ewwel addebitu l-iskizz se mai juri illi kienet il-konvenuta illi ssorprendiet lill-attur u krejatlu l-emergenza u mhux vice versa.

Infatti filwaqt illi l-vettura tal-konvenuta ma halliet l-ebda tracci ta' break marks mhux l-istess jista' jinghad ghall-karozza tal-attur li halliet break marks karki anke jekk mhux daqstant twal. Dan ifisser illi l-attur irrejalizza illi l-konvenuta kienet ser taqsamlu f'salt minn quddiemu tant li tempestivament sammar malajr il-breaks anke jekk ma lahaqx evita l-impatt. Kif inghad ukoll filwaqt illi l-attur kellu l-obbligu impost fuq kull sewwieq illi jsuq b'attenzjoni, kien jinkombi fi grad ferm oghla fuq il-konvenuta li kienet intenzjonata li taghmel manuvra riskjuza li kienet timporta l-invazzjoni tal-karreggjata fid-direzzjoni mnejn kien qieghed isuq l-attur.

Mill-banda l-ohra il-fatt li hu minnu illi d-daqqa kienet konsiderevoli, illi bl-impatt il-vettura tal-attur kaxkret maghha l-vettura tal-konvenuta ghal certa distanza huma ndikattivi illi l-velocita' ta' vettura tal-attur kienet akbar minn dik indikata mill-break marks in kwantu parti mill-velocita' giet assorbita fl-impatt. B'dana kollu din il-Qorti bhall-ewwel Qorti ma jidhrilix li hemm prova ta' speed eccessiv ghall-lokalita'. Inoltre hi sodisfatta wkoll li l-kawza prossima u immedjata tal-incident ma kienitx il-velocita' li biha kienet qed tigi misjuqa l-vettura tal-attur imma kien il-mod inkonsult kif il-konvenuta ddecidiet li tittraversa t-triq li mill-Mosta taghti ghal Hal-Lija bil-mod kif ittraversata u kkrejat emergenza subitaneja ghat-traffiku gej mid-direzzjoni tal-lemin taghha. Stabbilit dan, hi pacifika l-gurisprudenza li f'kaz kongruwi l-fatt li jista' jirrizulta anke xi eccess ta' velocita' ma kellux ikun fattur li jaddebita

kontributorjeta ghas-sinistru fuq driver illi kien altrimenti qieghed in piena osservanza tar-regolamenti tat-traffiku. L-appell ghalhekk u ghar-ragunijiet moghtija mill-ewwel Qorti ma setghax jigi sostnut.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata. L-ispejjez tal-prima istanza jibqghu kif dja' minn l-ewwel Qorti decizi. Dawk ta' dan l-appell ghandhom ikunu a karigu tal-appellanti.

Dep/Regf

mg